**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 57**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 57 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2017 fil-5:30pm

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
57.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
57.5 Rapporti;
57.6 Korsijiet tat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2017-2018;
57.7 Talba lill-Kunsill Lokali mis-Soċjetajiet Mużikali Qrendin;
57.8 Evalwazzjoni ta' Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2017;
57.9 Aġġornament dwar Miżura 4.3 – Fondi għal Toroq Rurali;
57.10 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2017;
57.11 Aġġornament dwar iż-Żjara Esploratorja mill-Kunsill Lokali fir-raħal ta' Comber, l-Irlanda ta' Fuq;
57.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
57.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-57 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2017 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

57.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

57.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

57.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

57.2.1 Il-Minuti tal-55 u s-56 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniela Farrugia.

57.2.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ssekondat il-Minuti.

57.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 57.3, 57.4 u 57.5 jiġu diskussi wara Minuta 57.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

57.6 **KORSIJIET TAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA 2017-2018**

57.6.1 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 7/2017 – Inizjattiva – Korsijiet *Lifelong Learning* 2017-2018.**

57.6.2 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali kellu japplika għal dawn il-korsijiet qabel il-laqgħa tal-Kunsill Lokali minħabba li d-data tal-għeluq kienet nhar il-Ġimgħa li għaddiet u kien għalhekk li ġie deċiż

liema korsijiet se napplikaw għalihom b'korrispondenza bejn il-Kunsillieri permezz tal-*e-mails*.

57.6.3 Qal li bħala Kunsill Lokali applikajna għal diversi suġġetti, fosthom dawk il-korsijiet li bħalissa huma fis-seħħ, u anke oħrajn ġodda.

57.6.4 Żied li issa rridu nistennew risposta sabiex naraw liema korsijiet se jsiru fil-Qrendi bejn l-2017 u l-2018.

## 57.7 <u>TALBA LILL-KUNSILL LOKALI MIS-SOĊJETAJIET MUŻIKALI QRENDIN</u>

57.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna ittra mingħand is-Segretarji taż-żewġ Soċjetajiet Mużikali Qrendin.

57.7.2 Qal li t-talba tas-Soċjetajiet hi li parti minn Triq Rokku Buhagiar, quddiem il-Knisja tal-Qrendi, tingħalaq fil-jiem tal-festi ta' raħalna permezz tal-bollards.

57.7.3 Spjega li dan ifisser li matul il-festa tal-Madonna ta' Lourdes din il-parti tat-triq se tkun qed tingħalaq għal madwar ġimgħa filwaqt li għall-festa ta' Santa Marija din it-triq se tkun qiegħda tingħalaq għal madwar ħmistax.

57.7.4 Fisser kif fil-mument qiegħed jara problema fuq min se jagħmel dawn il-bollards, kif ukoll min se jieħu ħsieb li jneħħihom u jerġa' jpoġġihom lura f'posthom jekk ikun hemm bżonn li jingħata servizz f'din il-parti tat-triq.

57.7.5 Qal li l-aċċess għall-pjazza se jkun qiegħed jonqos drastikament jekk kemm-il darba jsiru dawn il-bollards minħabba li mbagħad ħadd ma' jkun jista' jgħaddi.

57.7.6 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa xi kemm jiġu jiswew dawn il-bollards jekk kemm-il darba jsiru u s-Sindku wieġeb li s'issa għadna ma

wasalniex sa dan l-istadju u dan sabiex ma noħdux xogħol doppju.

57.7.7 Is-Sindku qal ukoll li l-uniku vantaġġ li għandna f'din il-materja hu li ż-żewġ Soċjetajiet Mużikali qegħdin jaqblu bejniethom, u allura jekk kiemm-il darba jsiru s-Soċjetajiet ikollhom responsabilita' li jwieġbu jekk kemm-il darba tinqala' xi lment mill-partitarji tagħhom stess.

57.7.8 Il-Viċi Sindku qal li jekk kemm-il darba tingħalaq din il-parti tal-pjazza, inkunu qegħdin nagħmlu bħalma jagħmlu rħula oħra, meta fil-ġimgħa tal-festa l-pjazza tkun magħluqa għat-traffiku.

57.7.9 Is-Sindku wieġeb li din il-materja mhux bilfors nieħdu deċiżjoni finali fuqha f'din il-laqgħa, u għaldaqstant nistgħu nkomplu niddiskutuha f'laqgħat oħra.

57.7.10 Il-Viċi Sindku ppropona li ssir laqgħa mas-Soċjetajiet Mużikali sabiex din il-materja tiġi diskussa f'aktar dettall u naraw eżattament x'għandhom f'moħħhom.

57.7.11 Is-Sindku qal li jekk issir din il-laqgħa nkunu rridu nivverifikaw kemm-il bollard hemm bżonn li ssir fuq kull naħa tat-triq li se tingħalaq ħalli żgur ma jgħaddux karozzi.

57.7.12 Il-Viċi Sindku qal ukoll li wieħed jista' jiddiskuti mas-Soċjetajiet Mużikali dwar kif jinqasmu l-ispejjeż sabiex isiru t-toqob u dawn il-bollards, imma dawn jistgħu kollha jiġu diskussi matul il-laqgħa magħhom.

57.7.13 Għaldaqstant se tkun qiegħda ssir laqgħa apposta mas-Soċjetajiet Mużikali dwar din il-materja, imbagħad fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali jsir aġġornament dwar dan is-suġġett.

## 57.8 EVALWAZZJONI TA' JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2017

57.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-opinjon i tiegħu s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi kienet tajba, ma ħaditx fit-tul u jidher li kollox mexa kif kien

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

pjanat.

57.8.2 Qal li dwar Jum il-Qrendi huwa ftit diżappuntat b'mod speċjali minħabba l-banda, kif ukoll li mhux kull Għaqda tal-Qrendi kienet rappreżentata waqt il-korteo li sar il-Hadd filgħodu.

57.8.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet x'inhu eżattament l-iskop tal-Kunsill Lokali għaliex il-baned Qrendin għandhom idoqqu flimkien f'Jum il-Qrendi.

57.8.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa wieġeb li l-ħsieb tal-Kunsill Lokali dejjem kien li l-baned jingħaqdu u għallinqas għal darba f'sena r-raħal kollu jingħaqad flimkien.

57.8.5 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issuġġeriet li jekk tinħass il-ħtieġa, jista' jsir planċier żgħir maġenb il-Monument tal-Gwerra, u s-servizz tal-banda jsir kollu minn hemmhekk minflok il-banda ddur mat-toroq tal-Qrendi.

57.8.6 Is-Sindku wieġeb li mhuwiex faċli li wieħed itella' kunċert fuq il-planċier u dan minħabba li nkunu limitati bil-ħin.

57.8.7 Qal ukoll li rridu nħarsu lejn l-aspett finanzjarju, u allura aħjar ma nkomplux noħorġu b'ideat li fl-aħħar mill-aħħar se jiswew aktar spejjeż lill-Kunsill Lokali.

57.8.8 Ippropona li din il-materja ta' Jum il-Qrendi nerġgħu nibdew niddiskutuha wara li jgħaddu l-festi Qrendin, jiġifieri nistgħu nibdew niddiskutuha mil-laqgħa t'Awwissu li ġej.

## 57.9 <u>AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.3 – FONDI GĦAL TOROQ RURALI</u>

57.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li kif ġie spjegat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali, fil-preżent qegħdin niċċekkjaw u nivverifikaw liema

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

toroq jaqblilna nidħlu għalihom taħt din il-Miżura.

57.9.2 Qal li tlabna lil Transport Malta sabiex naraw liema toroq beħsiebhom jagħmlu huma, kif ukoll għamilna talba mal-PPCD u l-ARPA sabiex niċċekkjaw liema toroq rurali fihom l-aktar bdiewa reġistrati.

57.9.3 Żied li bħalissa għadna qegħdin nistennew risposta mingħand kulħadd u nittamaw li fil-ġimgħat li ġejjin inkunu nistgħu nipproċedu fuq din il-Miżura.

57.9.4 Fisser kif dawn it-toroq jistgħu jsiru fuq perjodu ta' ħames snin u għaldaqstant il-Kunsill Lokali jrid joqgħod attent dwar liema toroq jaqbillu jissottometti sabiex jekk ikun possibbli, jsiru.

57.9.5 Spjega kif bħala Kunsill Lokali nkunu rridu noħorġu 10% tal-ispiża totali fuq dawn it-toroq, u huwa għalhekk li rridu niċċekkjaw eżattament kemm jiġu jiswew sabiex jekk nidħlu għal proġett ma nidħlux għal aktar milli nifilħu.

## 57.10 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2017</u>

57.10.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li saru żewġ laqgħat, waħda tas-sottokumitat, kif ukoll saret laqgħa oħra mal-Għaqdiet li beħsiebhom jieħdu sehem matul dan il-Festival.

57.10.2 Qal li għal-laqgħa li saret mal-Għaqdiet attendew iż-żewġ Soċjetajiet Mużikali, filwaqt li min-naħa tan-*nursery* ta' Qrendi FC skużaw ruħhom li ma setgħux jattendu.

57.10.3 Spjega kif din is-sena, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ingħata €4,000 bħala għajnuna għal dan il-Festival mill-iskema, €2,000 inqas minn dak li ngħatajna is-sena li għaddiet.

57.10.4 Fisser kif se tkun diffiċli li nżommu l-istess livell li kellna s-sena li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

għaddiet jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali ma joħroġx ftit aktar flus mill-fondi tiegħu.

57.10.5 Is-Sindku David Schembri qal li l-livell li kellna s-sena li għaddiet kien tajjeb ħafna, għalkemm dejjem jibqa' lok fejn wieħed jirranġa.

57.10.6 Qal li rridu noqgħodu attenti fejn innaqqsu u ma nnaqqsux minħabba li rridu nżommu l-istess livell xorta waħda.

57.10.7 Il-Viċi Sindku wieġeb li fil-preżent qegħdin inħarsu lejn xi gruppi li jistgħu jieħdu sehem matul dan il-Festival, fosthom il-gruppi Milk Mi, Rima, Tea Crisis, Moon Shine u possibilment anke Danusan.

57.10.8 Qal li mill-kalkoli li qegħdin nagħmlu dawn jistgħu jiswew lill-Kunsill Lokali madwar €2,300.

57.10.9 Fisser kif hemm aktar spejjeż relatati ma' dan il-Festival, li b'kollox qegħdin jammontaw għall-fuq minn €6,000.

57.10.10 Spjega kif anke rridu nitkellmu ma' min se jorganizza l-esebizzjoni taż-żwiemel, jekk kemm-il darba ssir, sabiex naraw kif din tista' tinħadem aħjar.

57.10.11 Qal li se ssir laqgħa mal-grupp Projekt Lazarus kif ukoll ma' grupp ta' *re-enactment* ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

57.10.12 Żied li għal din is-sena qegħdin naħdmu fuq żewġ wirjiet artistiċi partikolari, waħda tal-pittura u xogħol ta' skultura, kif ukoll wirja oħra ta' ritratti.

57.10.13 Qal li rridu nagħmlu laqgħa mad-Direttur tal-MCAST sabiex nitkellmu miegħu dwar il-filmat li hemm il-ħsieb li jsir dwar il-kappelli Qrendin.

57.10.14 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li kieku tkun xi ħaġa sabiħa li għal dakinhar nippruvaw inġibu l-bank tad-demm mobbli, fejn fin-nofstanhar ta' filgħodu, min iridu jkun jista' jagħti d-demm.

57.10.15 Il-Viċi Sindku wieġeb li se nkunu qegħdin nagħmlu kuntatt magħhom sabiex naraw jekk jistgħux ikunu magħna.

57.10.16 Is-Sindku qal ukoll li min-naħa tiegħu kellu laqgħa ma' rappreżentanta ta' Inizjamed, fejn dawn qegħdin jipproponu li l-Ħadd filgħodu, dakinhar tal-Festival, issir *treasure hunt* li jieħdu ħsiebha huma.

57.10.17 Żied li hemm ukoll xi ħsibijiet dwar kif tista' ssir aktar promozzjoni tal-poeżiji miktuba mill-istudenti tal-Iskola Primarja u taċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller.

## 57.11 AĠĠORNAMENT DWAR IŻ-ŻJARA ESPLORATORJA MILL-KUNSILL LOKALI FIR-RAĦAL TA' COMBER, L-IRLANDA TA' FUQ

57.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-Sibt li għadda rċevejna risposta mingħand ir-rappreżentanti ta' Comber, fejn dawn ikkonfermaw li mill-Kunsill Lokali tagħna jistgħu jitilgħu żewġ persuni għal din iż-żjara esploratorja.

57.11.2 Spjega kif aħna diġa' konna għamilnilhom l-istedina sabiex żewġ persuni min-naħa tagħhom jattendu għall-Festival Agrarju tal-Patata ta' din is-sena, imma sfortunatament ħadd minnhom ma' jista' jiġi minħabba impenji personali.

57.11.3 Qal li wegħduna li s-sena d-dieħla se jkunu qegħdin jagħmlu dak kollu possibbli sabiex jattendu.

57.11.4 Fisser kif din iż-żjara esploratorja li se nagħmlu fir-raħal ta' Comber se tkun bil-ħsieb li nibdew nibnu xi ħaġa li tibqa' tevolvi, u għaldaqstant se nkunu qegħdin nagħmlu laqgħa mal-Ministeru tat-Turiżmu ta' pajjiżna sabiex naraw kif jistgħu jgħinuna f'dan ir-rigward.

57.11.5 Spjega kif s'issa għadna ma kkonfermajniex it-titjiriet għal Belfast, imma l-probabilta' kbira se tkun li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv se jħallu Malta l-Ħamis 15 ta' Ġunju u jiġu lura l-Ħadd 18 ta' Ġunju.

57.11.6 Qal li fil-preżent qegħdin f'diskussjonijiet magħhom sabiex naraw kif se

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jkun imqassam il-programm taż-żjara espolratorja tagħna.

## 57.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

57.3.1 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa Jeanne-Marie Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 8/2017 – Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali.**

57.3.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li din iċ-Ċirkulari qiegħda tirregola l-pożizzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn jidħlu permessi tal-lifters u l-*high-ups*.

57.3.1.2 Qal li skont din iċ-Ċirkulari, meta lifter u/jew *high-up* ikun se joqgħodu fi spazju ta' parkeġġ, dan m'għandux għalfejn iħallas il-permess ta' €10, imma sempliċiment jagħmel permess normali fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

57.3.1.3 Fisser kif l-ispjegazzjoni ta' din iċ-Ċirkulari hija suġġett għad-diskussjoni minħabba li l-ewwel nett irid jitħalla parkeġġ vojt sabiex ikun jista' joqgħod il-lifter u/jew *high-up* u kif ukoll jekk kemm-il darba jkun hemm vettura oħra li pe eżempju tkun qed iġġorr l-għamara, din xorta waħda tispiċċa tostakola t-triq.

57.3.1.4 Issuġerixxa li għalissa bħala Kunsill Lokali nżommu kollox kif inhu u nitolbu kjarifika mid-Dipartiment, għax din iċ-Ċirkulari tista' twassal għal xi miżinterpretazzjoni.

57.3.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn tkellem dwar il-problemi preżenti li qiegħed jaffaċċja l-Kunsill Lokali tal-Qrendi minħabba t-turiżmu.

57.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-moll ta' Xandru f'Wied iż-Żurrieq u qal li l-applikazzjoni sabiex jiġi rranġat dan il-moll ġiet aċċettata mill-Awtorita' għall-Ippjanar u issa qegħdin nistennew konferma mingħandhom dwar meta nistgħu nibdew ix-xogħolijiet.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

57.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-Fondazzjoni għat-Turiżmu u qal li se ningħataw €1,300 sabiex il-ħajt fin-niżla ta' Wied iż-Żurrieq, jiġifieri Triq Congreve, tinżebagħ, kif ukoll ingħatajna €900 sabiex jinqala' l-kaktus li hemm fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq.

57.3.5 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-persuni li organizzaw il-*Collecting Memory Archives* u spjega kif fil-5 ta' Mejju 2017 se tkun qiegħda ssir it-tnedija ta' dawn l-arkivji, li fihom hemm diversi nies mill-Qrendi.

57.3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-*playing fields* u qal li saret laqgħa mal-CORE fejn qegħdin nesploraw il-possibilta' li nidħlu f'*maintenance agreement* magħhom permezz ta' sponsors differenti.

57.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa plenarja tal-Kunsilli Lokali li għaliha kienu mistiedna l-Kunsillieri kollha u qal li din kienet tajba ħafna.

57.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-kuntratt tal-binja numru 60, Triq il-Kbira, il-Qrendi u qal li ffirmajnih quddiem nutar flimkien mas-sid.

57.3.8.1 Qal li dan il-kuntratt kien iffirmat sabiex il-Kunsill Lokali jibqa' jħallas l-istess ammont ta' flus għat-tliet snin li ġejjin, biss issa hemm il-kundizzjoni li jekk xi ħadd ikun irid joħorġ mill-post jew inkella s-sid ikun iridu lura, irid isir avviż minn sitt xhur qabel.

57.3.9 Is-Sindku tkellem dwar l-ATM u qal li qegħdin nistennew mingħand l-Awtorita' għall-Ippjanar sabiex jagħtuna d-data ta' meta se jsir is-smiegħ tal-applikazzjoni tagħna.

57.3.9.1 Qal li qegħdin nittamaw li din id-darba jkollna risposta fil-pożittiv wara li mxejna mar-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

57.3.10 Is-Sindku tkellem dwar il-bini tal-uffiċċju amministrattiv il-ġdid u qal li għandna d-dokumenti tat-tenders f'idejna u issa rridu nippreparawhom u nibagħtuhom lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tagħhom.

57.3.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Chris Spiteri, bit-titlu **Sqaq il-Ħofra**.

57.3.11.1 Is-Sindku qal li f'din il-leġiżlatura għamilna numru ta' mirja ġodda, imma bħalissa għandna ħdax-il waħda li huma mkissra.

57.3.11.2 Spjega kif għandna mirja li jinsabu maġenb xulxin, fejn hemm mera minnhom li tkun imkissra u allura rridu naħsbu biex nirranġawhom.

57.3.11.3 Fisser kif jekk kemm-il darba se naċċettaw din it-talba, fi ftit tal-jiem ikollna ħafna talbiet oħra sabiex isiru mirja simili.

57.3.11.4 Qal li għalkemm is-Sur Spiteri għandu raġun fit-talba tiegħu, fil-preżent din mhijiex waħda mill-prioritajiet tal-Kunsill Lokali u għaldaqstant din it-talba għalissa ma tistax tintlaqa'.

57.3.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa Graziella Buttigieg, bit-titlu ***Garage Access***.

57.3.12.1 Is-Sindku qal li din is-Sinjura għandha raġun fit-talba tagħha u jaħseb li l-Kunsill Lokali m'għandu jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

57.3.12.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta li jsiru dawn is-sinjali sofor faċċata tal-garaxx tas-Sa Buttigieg, u l-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda din il-proposta.

57.3.12.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta li issa se tintbagħat lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

## 57.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISOTQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

57.4.1 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li kien hemm resident li avviċinaha sabiex issir mera fi Triq Has-Sejjieq.

57.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li dan l-istess resident diġa' kien ġie fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u konna spjegajnhielu s-sitwazzjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

57.4.2 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li fil-grawnd tal-futbol tal-Knisja hemm xi ħmieġ li ntefa' fl-aħħar ġimgħat.

57.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill Lokali m'għandu l-ebda jedd inaddaf dan il-grawnd minħabba li dan huwa propjeta' tal-Knisja tal-Qrendi.

## 57.5 RAPPORTI

57.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar l-attivita' li kellha ssir mill-Kunsill Lokali għada u qal li ġiet posposta għall-ġimgħa d-dieħla.

57.5.2 Qal ukoll li bħalissa qiegħed jaħdem fuq attivita' oħra għat-18 t'April 2017 u li din se tkun ħarġa purament kulturali.

57.5.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk għal sen'oħra għandniex nippruvaw norganizzaw il-ġurnata Sqallija.

57.5.3.1 Qal li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jaqbel, għandna nippruvaw li din il-mawra norganizzawha f'Ġunju sabiex nieħdu prezz irħas.

57.5.3.2 Fil-fatt ippropona d-data tas-Sibt 3 ta' Ġunju bħala l-ġurnata tentattiva li fiha għandha tiġi organizzata l-mawra għal Sqallija.

57.5.3.4 Qal li se jkun qiegħed ikellem lill-kumpanija tas-soltu sabiex jgħinuna norganizzaw din il-ġurnata.

57.5.3.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tal-Viċi Sindku.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 57.12 KUNSIDERRAZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

57.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €56,018.07 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 03/17 u €51.58 skont il-*Petty Cash* Ref U/02.

57.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

57.12.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

57.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 57.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

57.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 t'April 2017 fis-6pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**